MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 304/2013

**J&A General Operations Limited**
**Vs**
**Floriana Football Club**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' konvenuta nkarigat lis-socjeta' attrici biex tippresta servizzi ta' transport lill-istess socjeta' konvenuta matul is-sena 2010, kif jirrizulta mill-fattura li qed tigi annessa mal-prezenti u mmarkata bhala 'Dokument A'; premess illi dawn is-servizzi gew kollha rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, li accettat u wzat l-istess servizzi; premess illi b'konsegwenza tas-suespost, is-socjeta' konvenuta hija debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija w erbghin ewro (€840); premess illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx dak dovut minnha minkejja li giet debitament interpellata; premess illi ghalhekk ikollha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet hawn fuq premessi s-socjeta' attrici qieghda umilment titlob lil dan ir-rispettabli Tribunal joghgobu jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija w erbghin ewro (€840).

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali dekorribbli mis-27 ta' Novembru 2010 sal-jum tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti gudizzjarji taghha.

Ra mill-atti li l-klabb konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ir-rapprezentant ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fid-29 ta' Ottubru, 2013 mill-Avukat Dott. Mark Simiana w l-fatt li rapprezentant tal-klabb konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi It-Tribunal jidhirlu li l-klabb konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tmien mija w erbghin ewro (€840) u dan bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali dekorribbli mis-27 ta' Novembru 2010 sal-jum tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti gudizzjarji taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------